MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1024/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**

**VS**

**Vincent Spalding, iben John u Carmen nee' Agius, imwieled Tal Pieta' nhar id-19 ta' April, 1973, residenti fil-fond numru 14, Triq il-Konservatorju, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' numru 13903A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Vincent Spalding** li gie akkuzat talli:

- Nhar il-21 ta' Settembru, 2010, minn gewwa container li kien jinsab gewwa l-Foss tas-Sur, il-Birgu, ikkommetta serq ta' diversi ghodda u apparat iehor,

proprjeta’ ta’ Marco u Jermoe Camilleri, u/jew tal-kumpanija bl-isem ta’ Stone Age, liema serq huwa aggavat bil-valur li jeccedi l-mitejn tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin Ewro centezmi(€232.94), bil-mezz, u bil-hin.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghall-istess;
Rat ukoll illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju ta’ interrogatorju.

Rat illi fi stadju ulterjuri, l-imputat rega’ rregistra ammissjoni.

Rat ukoll, illi nonostante li originarjament id-Difiza kienet ikkontestat il-valur tar-res furtirva, l-Ufficjal Prosekutur fi stadju ulterjuri tal-proceduri, kien iddikkjara li r-res furtiva giet ritornata.

Rat ukoll il-Pre-Sentencing Report redatt mill-Ufficjal tal-Probation Saviour Lia, fejn l-istess xehed dwar il-problema ta’ droga li kienet issa ghal tul ta’ zmien taffliggi lill-imputat. Semghet ukoll illi l-imputat, nonostante cio’, ma kinx lest illi jikkometti ruhu li jibda serjament program ta’ riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga - dan rizultanti minn nuqqas ta’ koperazzjoni fl-appuntamenti, sahansitra matul is-smiegh ta’ din il-kumpilazzjoni. Ghalhekk dan l-Ufficjal tal-Probation issugerixxa li Vincent Spalding kellu jinghata sentenza ta’ habs effettiva.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda ssib lil Vincent Spalding hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 278, 279, u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tmintax(18)-il xahar habs effettivi.

Tirrakkomanda wkoll lid-Direttur tal-Habs sabiex l-imputat jircievi dik l-ghajnuna kollha minnu necessarja favur ir-riabilitazzjoni tieghu kontra l-abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------